KONGREGAZZJONI GĦALL-EDUKAZZJONI KATTOLIKA

Opra Pontifiċja għall-Vokazzjonijiet Saċerdotali



# ORJENTAMENTI PASTORALI GĦALL-PROMOZZJONI TAL-VOKAZZJONIJIET GĦALL-MINISTERU SAĊERDOTALI

BELT TAL-VATIKAN 2012

# DAĦLA

1. L-Assemblea Plenarja tal-*Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika*[1] ħeġġet biex jiġu ppubblikati l-orjentamenti pastorali għall-promozzjoni tal-vokazzjonijiet għall-ministeru saċerdotali.

Biex twieġeb għal din it-talba, l-*Opra Pontifiċja għall-Vokazzjonijiet Saċerdotali*, b'ħidma flimkien mal-Konsulturi tagħha, mar-rappreżentanti tal-Kongregazzjonijiet għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli, għall-Knejjes tal-Lvant, għall-Istituti ta' Ħajja konsagrata u Socjetajiet ta' Ħajja appostolika u għall-Kleru, ħejjiet *Kwestjonarju fuq il-ħidma pastorali għall-ministeru saċerdotali* biex ikollha kwadru aġġornat tal-pastorali tal-vokazzjonijiet f'naħat differenti tad-dinja, l-aktar dwar dak li għandu x'jaqsam mas-saċerdozju ministerjali.

Il-kwestjonarju ntbagħat fil-15 ta' Mejju, 2008, permezz tar-Rappreżentanzi Pontifiċji, lid-delegati kollha tal-pastorali tal-vokazzjonijiet tal-Konferenzi Episkopali u lid-diretturi taċ-Ċentri Nazzjonali Vokazzjonijiet, sabiex dawn ikunu jistgħu jibagħtu tagħrif fuq is-sitwazzjoni tal-vokazzjonijiet u jissuġġerixxu xi proposti għal ħidma pastorali.

Mill-istudju tat-tweġibiet tal-Konferenzi Episkopali u taċ-Ċentri Nazzjonali ħareġ il-bżonn għal ċerti Orjentamenti għall-pastorali tal-vokazzjonijiet, mibnija fuq teoloġija ċara u fondamentali tal-vokazzjoni u tal-identità tas-saċerdozju ministerjali.

---

[1] L-Assemblea Plenarja tal-Konkregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika eżaminat dan is-suġġett fil-laqgħat li saru fl-2005 u fl-2008.

## I. IL-PASTORALI TAL-VOKAZZJONI GĦALL-MINISTERU SAĊERDOTALI FID-DINJA

2. Illum is-sitwazzjoni tal-vokazzjonijiet presbiterjali tvarja ħafna fid-dinja. Hemm punti pożittivi u oħrajn negattivi. Filwaqt li fil-Punent qed naffaċċjaw il-problema ta' nuqqas ta' vokazzjonijiet, fil-kontinenti l-oħra, minkejja n-nuqqas ta' mezzi, hemm żjieda promettenti ta' vokazzjonijiet saċerdotali.

Fil-pajjiżi bi tradizzjoni nisranija ta' ħafna snin, in-nuqqas li jħassbek fin-numru ta' saċerdoti, tal-età tagħhom dejjem tiela' u tal-ħtieġa għal evanġelizzazzjoni ġdida, qed isawru sitwazzjoni ekkleżjali ġdida.[2]

Anki n-numru nqas ta' twelid ta' trabi jġib in-nuqqas tal-vokazzjonijiet għal konsagrazzjoni speċjali. Il-ħajja tal-fidili kattoliċi qed tintlaqat mit-tfittxija bla kontroll għall-ġid materjali u

[2] "Infatti, speċjalment f'ċerti reġjuni, propju n-numru żgħir ħafna ta' saċerdoti żgħażagħ minn issa stess jippreżenta problema serja għall-ħidma pastorali. Flimkien mal-komunità kollha nisranija, ejjew nitolbu b'fiduċja u b'insistenza umli lill-Mulej biex jagħtina ħaddiema ġodda u qaddisin biex jaħdmu fl-għalqa tiegħu (ara *Mt* 9, 37-38). Nafu li xi drabi l-Mulej iħallina nistennew, imma nafu wkoll li min iħabbat ma jagħmilx hekk għalxejn. Mela nkomplu nitolbu lill-Mulej, b'fiduċja u sabar, sabiex jagħtina 'ħaddiema' ġodda u qaddisa" (BENEDITTU XVI, *Diskors lill-Parteċipanti tas-LVII Assemblea Ġenerali tal-Konferenza Episkopali Taljana,* 24 ta' Mejju 2007, f'*Insegnamenti* III-1 [2007] 917-918).

min-nuqqas ta’ prattika reliġjuża. Dan ifixkel l-għażliet kuraġġużi u impenjattivi tal-Vanġelu.

Bħala riżultat, kif kiteb il-Qdusija Tiegħu Benedittu XVI: “Propju fi żminijietna nafuha tajjeb kemm dawk li ġew mistiedna l-ewwel jgħidu “le”. Effettivament, il-kristjaneżmu tal-punent, jiġifieri “il-mistiedna tal-bidu”, illum ħafna minnhom joqogħdu lura u m’għanhomx ħin għall-Mulej”.[3]

Għalkemm il-pastorali tal-vokazzjonijiet fl-Ewropa u fl-Amerka hija organizzata u kreattiva, ir-riżultati miksuba huma ftit meta taf kemm sar xogħol. Madankollu, quddiem sitwazzjonijiet diffiċli, li jeħtieġ nħarsu lejhom b’kuraġġ u verità, jidher li hemm sinjali ta’ bidu ġdid, l-aktar f’dawk il-postijiet li fihom jittieħdu deċiżjonijiet ċari u qawwija għall-ħajja nisranija.

3. It-talb tal-komunità nisranija dejjem qawwiet fil-poplu t’Alla ir-responsabilità li l-insara jaħdmu flimkien għall-vokazzjonijiet, taħt forma ta’ “solidarjetà spiritwali".[4]

Kulfejn tiżviluppa u tikber hidma integrata, bejn il-pastorali għall-familji, il-pastorali taż-żgħażagħ u il-missjonijiet, flimkien mal-pastorali tal-vokazzjonijiet, qegħdin jikbru wkoll il-vokazzjonijiet saċerdotali. Il-Knisja lokali tieħu fuq spallejha “ir-responsabilità biex jikbru u jimmaturaw il-vokazzjonijiet saċerdotali».[5] Il-qasam tal-vokazzjonijiet ma jiġix propost bħala

---

[3] BENEDITTU XVI, Omelija fil-Konċelebrazzjoni Ewkaristika mal-Isqfijiet tal-Isvizzera (7 ta’ Novembru 2006), f’*Insegnamenti*, II-2 (2006) 573.

[4] “Ejjew inwennsu lil dawn ħutna fil-Mulej bis-solidarjetà spiritwali tagħna. Nitolbu sabiex ikunu fidili għall-missjoni li llum il-Mulej qed isejħilhom għaliha, u jalla jkunu lesti li kuljum iġeddu lil Alla l-“iva” tagħhom, bla ebda riżervi ta’ xejn. U nitolbu lil Sid il-ħsad, f’dan il-Jum tal-Vokazzjonijiet, biex ikompli jqanqal ħafna presbiteri qaddisin, iddedikati bi sħiħ fil-qadi tal-poplu nisrani” (BENEDITTU XVI, *Homilia in presbyterali Ordinatione duorum et viginti diaconorum Romanae Dioecesis*, 29 ta’ April 2007: *AAS* 99 [2007] 350).

[4] GIOVANNI PAOLO II, Eżortazzjoni appostolika post-sindolai *Pastores dabo vobis* (25 ta’ Marzu 1992), n. 41: *AAS* 84 (1992) 726.

[5] GIOVANNI PAOLO II, Eżortazzjoni appostolika post-sindolai *Pastores dabo vobis* (25 ta’ Marzu 1992), n. 41: *AAS* 84 (1992) 726.

sempliċi żjieda ta' xogħol u suġġerimenti, imma jsir espressjoni naturali tal-komunità kollha.

L-informazzjoni statistika tal-Knisja Kattolika u xi riċerki soċjoloġiċi juru li, meta jiġu proposti inizzjattivi ta' evanġelizzazzjoni ġdida fil-parroċċi, fl-għaqdiet, fil-komunitajiet ekkleżjali u fil-movimenti[6], iż-żgħażagħ juru li huma lesti jwieġbu għas-sejħa t'Alla u joffru ħajjithom għas-servizz tal-Knisja.

Il-*familja* hija dejjem l-ewwel komunità li twassal il-fidi nisranija. Huwa kkonfermat kullimkien li ħafna vokazzjonijiet presbiterjali jitwieldu fil-familji fejn l-eżempju ta' ħajja nisranija koerenti u l-għixien tal-virtujiet evanġeliċi inibbtu x-xewqa li wieħed jingħata kollu kemm hu lil Alla. Il-ħidma għall-vokazzjonijiet titlob fil-fatt ħidma tajba mal-familji.

Irrid jingħad ukoll li ħafna drabi il-mistoqsija jekk wieħed isirx qassis tiġi fit-tfal u fiż-żgħażagħ mix-xhieda ferħana tal-presbiteri.

Ix-xhieda ta' saċerdoti magħqudin ħaġa waħda ma' Kristu, li huma kuntenti bil-ministeru tagħhom u li huma magħqudin bħala aħwa bejniethom, tqanqal fiż-żgħażagħ sejħa qawwija għall-vokazzjoni. L-Isqfijiet u s-saċerdoti joffru liż-żgħażagħ ideja għolja u li tiġbdek li tiġi mis-sagrament tal-Ordni. "Il-ħajja nnifisha tal-presbiteri, it-tħabrik bla ebda kundizzjoni għall-merħla t'Alla, ix-xhieda tagħhom kollha mħabba fil-qadi tal-Mulej u tal-Knisja tiegħu – xhieda li fiha tidher l-għażla tas-salib milqugħa fit-tama u l-ferħ tal-Għid – , l-għaqda tagħhom ta' aħwa u l-ħeġġa għall-evanġelizzazzjoni tad-dinja, huwa l-ewwel u l-aktar fattur konvinċenti għal ħafna vokazzjonijiet".[7]

---

[6] Cf. *Pastores dabo vobis*, n. 68: *AAS* 84 (1992) 775-778.
[7] *Pastores dabo vobis*, n. 41: *AAS* 84 (1992) 727.

Infatti, *is-saċerdoti* ħafna drabi huma xhieda tal-għotja tagħhom infushom lill-Knisja, huma kapaċi jagħtuha bil-ferħ u jaddattaw ruħhom bl-umiltà għas-sitwazzjonijiet differenti li jsibu fil-ħidma tagħhom. L-eżempju tagħhom iqanqal ix-xewqa għal impenji akbar fil-Knisja u għar-rieda li jagħtu ħajjithom lill-Mulej u lil ħuthom il-bnedmin.[8] B'mod partikolari, iż-żgħazagħ jinġibdu ħafna mill-ħidma li s-saċerdoti jagħmlu ma' nies li huma għatxana għal Alla, għall-valuri reliġjużi u li jinsabu f'kundizzjoni ta' faqar spiritwali kbir.[9]

Qed jiġi nnutat ukoll li ħafna żgħażagħ qed jiskopru s-sejħa għas-saċerdozju u għall-ħajja kkonsagrata, wara li jkunu għamlu esperjenza ta' *volontarjat*, f'servizz ta' karità ma' dawk li qed ibatu, ma' min jinsab fil-bżonn u mal-fqar jew wara li jkunu ħadmu għal xi żmien fil-missjonijiet kattoliċi.

L-*iskola* hi wkoll post ieħor fil-ħajja tat-tfal u taż-żgħażagħ, li fiha l-laqgħa ma' saċerdot għalliem jew s-sehem f'inizzjattivi li fihom japprofondixxu t-twemmin nisrani, taw bidu għal mixja ta' dixxerniment tal-vokazzjoni.

4. It-tixrid ta' mentalità sekolarizzata taqta' qalb iż-żgħażagħ meta jiġu biex iwieġbu għall-istedina li jimxu wara l-Mulej Ġesù b'aktar radikalità u ġenerożita.

Mill-kwestjonarju li għamlet l-*Opra Pontifiċja għall-Vokazzjonijiet Saċerdotali*, waslu ħafna tweġibiet mill-Knejjes lokali li juru li hemm sensiela ta' raġunijiet li minħabba fihom

[8] "Is-servizz b'imħabba u s-sens fundamentali ta' kull vokazzjoni, li ssib il-milja speċifika tagħha fil-vokazzjoni tas-saċerdot" (*Pastores dabo vobis*, n. 40: *AAS* 84 [1992] 725).

[9] "L-entużjażmu tagħkom, il-komunjoni tagħkom, il-ħajja ta' talb u l-ministeru ġeneruż tagħkom, huma indispensabbli. Jista' jagħti l-kas li dak li jkun iħoss għejja jew biża' quddiem l-esiġenzi u d-diffikultajiet ġodda, imma jrid ikollna fiduċja li l-Mulej għad jagħtina s-saħħa meħtieġa biex nagħmlu dak li qed jitlob minna. Aħna nitolbu u ninsabu ċerti li Hu mhux se jħallina nieqsa mill-vokazzjonijiet, kemm-il darba aħna nitolbuhom fit-talb tagħna u flimkien nagħmlu ħilitna biex infittxuhom u nħarsuhom b'pastorali għaż-żgħażagħ u għall-vokazzjonijiet, b'pastorali mimlija ħeġġa u fantasija, kapaċi li nuru s-sbuħija tal-ministeru saċerdotali" (BENEDITTO XVI, *Diskors li għamel f'Assisi fil-laqgħa mal-Kleru, mar-Reliġjużi rġiel u mar-Reliġjużi nisa fil-Kattidral ta' San Rufino,* 17 ta' Ġunju 2007, f'*Insegnamenti* III-1 [2007] 1138).

iż-żgħażagħ ma jimxux wara s-sejħa saċerdotali u jiddeċiedu li jħalluha għal xi darba fil-futur.

Barra minn hekk il-ġenituri, b'dak li jistennew mill-ġejjieni ta' wliedhom, iħallu ftit spazju għall-possibiltà ta' vokazzjonijiet ghall-konsagrazzjoni speċjali.

Aspett ieħor li jaħdem kontra l-vokazzjoni presbiterali hi l-emarġinazzjoni bil-mod il-mod tas-saċerdot fil-ħajja soċjali, bil-konsegwenza li hu jitlef mill-importanza pubblika. Barra minn hekk, f'diversi naħat tad-dinja hemm min jargumenta dwar l-għażla taċ-ċelibat. Mhux biss il-mentalità sekolarizzata, imma anki opinjonijiet żbaljati fi ħdan il-Knisja qed iwasslu biex titbaxxa l-kariżma u l-għażla taċ-ċelibat; anki jekk ma jistgħux ma jissemmux l-effetti serji negattivi tal-inkoerenza u tal-iskandlu, minħabba l-infedeltà fid-dmirijiet tal-ministeru saċerdotali bħalma huma per eżempju, l-abbużi sesswali. Dan kollu joħloq taħwid fiż-żgħażagħ stess, li min-naħa tagħhom jistgħu jkunu lesti jwieġbu għas-sejħa tal-Mulej.

Il-ħajja presbiterali nnifisha, ħidma mkaxkra minn ħafna xogħol eżaġerata fil-qasam pastorali, tista' tikkonfondi u ddgħajjef is-sbuħija tax-xhieda saċerdotali. F'din is-sitwazzjoni il-promozzjoni tal-mixja persunali u spiritwali taż-żgħażagħ isiru okkażjoni f'waqtha għall-proposta u għad-dixxerniment tal-vokazzjoni, speċjalment tal-vokazzjoni presbiterali.



## II. VOKAZZJONI U IDENTITÀ TAS-SAĊERDOZJU MINISTERJALI

5. L-identità tal-vokazzjoni għall-ministeru saċerdotali tinsab fi ħdan l-identità tan-nisrani bħala dixxiplu ta' Kristu. "Il-ġrajja ta' kull vokazzjoni saċerdotali, bħalma hi ta' kull vokazzjoni nisranija oħra, hija ġrajja ta' *djalogu li ma jitfissirx bil-kliem bejn Alla u l-bniedem,* bejn l-imħabba ta' Alla li jsejjaħ u l-libertà tal-bniedem li jwieġeb lil Alla b'imħabba".[10]

Il-Vanġeli jippreżentaw il-vokazzjoni bħala laqgħa ta' mħabba mill-isbaħ bejn Alla u l-bniedem. Dan hu l-misteru tas-sejħa, misteru li jilqa' fih il-ħajja ta' kull nisrani, imma li jintwera aktar bid-deher f'dawk li Kristu jistedinhom iħallu kollox biex jimxu warajh mill-qrib. Kristu minn dejjem għażel xi nies biex jaħdmu miegħu b'mod aktar dirett biex iwettaq il-pjan ta' salvazzjoni tal-Missier.

Qabel ma jsejjaħ id-dixxipli għal biċċa xogħol partikulari, Ġesù jistedinhom biex iwarrbu kollox fil-ġenb, biex jgħixu f'komunjoni profonda miegħu, anzi biex "jibqgħu" miegħu (*Mk* 3, 14).[11]

---

[10] *Pastores dabo vobis*, n. 36: *AAS* 84 (1992) 715-716.
[11] Cf. *Pastores dabo vobis*, n. 34: *AAS* 84 (1992) 713.

Ilum ukoll Ġesù Rxoxt isejjaħ il-presbiteri ta' għada biex jibdilhom f'ħabbara veri u jkunu xhieda fid-dinja tal-preżenza tiegħu li ssalva.

Mill-eżempju ta' dik l-esperjenza li tibda tinħas il-ħtieġa ta' sħubija fil-vjaġġ ma' Kristu Rxoxt għal għonq it-triq ġdida li tinfetaħ bħal qatt qabel bil-ħlewwa għall-Misteru ta' Alla li jsejjaħ.

6. Kristu Ragħaj hu l-bidu u l-mudell tal-ministeru saċerdotali.[12] Hu nnifsu ried jafda lil xi wħud mid-dixxipli tiegħu s-setgħa li joffru s-Sagrifiċċju tal-Ewkaristija u l-maħfra tad-dnubiet.

"Għalhekk Kristu, bħalma Hu nnifsu ntbagħat mill-Missier, bagħat l-appostli u, permezz tal-istess appostli, ta sehem mill-konsagrazzjoni u mill-missjoni tiegħu lill-isqfijiet, li huma s-suċċessuri tagħhom; l-uffiċċju tal-ministeru ta' dawn imbagħad ġie mgħoddi wkoll, fi grad subordinat, lill-presbiteri li tqiegħdu fl-ordni tal-presbiterat biex ikunu kooperaturi tal-ordni tal-isqfijiet u b'hekk il-missjoni appostolika mogħtija minn Kristu titwettaq kif imiss".[13]

Għalhekk is-saċerdot, kif tgħallem id-duttrina tal-*karattru* tal-Ordni Sagri, hu kkonfigurat ma' Kristu Saċerdot li jagħtih is-setgħa li jaġixxi fil-persuna ta' Kristu Kap u Ragħaj.[14] L-eżistenza u l-ħidma tiegħu fil-ministeru ġejjin mill-fedeltà ta' Alla, immarkata bid-don spiritwali li, fis-sagrament tal-Ordni, huwa jgħammar fis-saċerdot b'mod permanenti u jiddistingwih mill-insara mgħammdin li għandhom sehem fis-saċerdozju komuni. Is-saċerdot infatti, għax magħqud mal-ordni episkopali, jieħu sehem

---

[12] Ara *Pastores dabo vobis*, n. 23: *AAS* 84 (1992) 694.

[13] KONĊILJU EKUMENIKU VATIKAN II, Digriet fuq il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri *Presbyterorum ordinis* (7 ta' Diċembru 1965), n. 2: *AAS* 58 (1966) 992; ara KONĊILJU EKUMENIKU VATIKAN II, Kostituzzjoni dommatika fuq il-Knisja *Lumen gentium* (21 ta' Novembru, 1964), n. 28: *AAS* 57 (1965) 33-36.

[14] Ara *Presbyterorum ordinis*, n. 2: *AAS* 58 (1966) 992.

fis-setgħa li biha Kristu "ikabbar, iqaddes u jmexxi 'l ġisem tiegħu".[15]

Is-saċerdozju ministerjali hu essenzjalment distint mis-saċerdozju komuni u qiegħed biex jaqdih.[16] Infatti s-saċerdozju ministerjali, "bis-setgħa qaddisa li biha huwa mżejjen, jifforma u jmexxi l-poplu saċerdotali, jagħmel is-sagrifiċċju ewkaristiku fil-persuna ta' Kristu u joffrih 'l Alla f'isem il-poplu kollu. Il-fidili, bis-saċerdozju rjali tagħhom, jissieħbu fl-offerta tal-Ewkaristija; huma jeżerċitaw dan is-saċerdozju meta jirċievu s-Sagramenti, meta jitolbu u jiżżu ħajr 'il Alla, bix-xhieda ta' ħajja qaddisa, biċ-ċaħda tagħhom infushom u b'karità li tidher fl-egħmil".[17] Dan huwa "l-iskop u fih jitwettaq perfettament il-ministeru tal-Presbiteri".[18]

Hija ħaġa ċara li d-don li jingħata bit-tqegħid tal-idejn għandu "jitqajjem" dejjem (ara 2 *Tm* 1, 6), sabiex il-Presbiteri "kemm jekk jagħtu ħajjithom għat talb u għall-adorazzjoni, kemm jekk ixandru l-Kelma, kemm jekk joffru s-sagrifiċċju tal-Ewkaristija u jamministraw s-sagramenti l-oħra, kemm jekk jagħmlu ministeri oħra biex jaqdu lill-bnedmin, huma jagħtu sehemhom biex ikabbru l-glorja t'Alla u l-istess ħin biex jgħinu lil-bnedmin jimxu 'l quddiem fil-ħajja divina".[19]

Din l-ewwel dimensjoni tas-sagrament tal-Ordni, li għandha karattru kristoloġiku, hi l-pedament li fuqu tinbena d-dimensjoni ekkleżjoloġika.[20] Billi hu meħtieġ li l-Knisja nfisha tissejjaħ flimkien minn Kristu Rxoxt, is-saċerdoti huma mogħnija bis-sagrament tal-Ordni biex ikunu strumenti qawwija ħalli tinbena l-Knisja billi

---

[15] *Ibid.*
[16] Ara *Lumen gentium*, n. 10: *AAS* 57 (1965) 14.
[17] *Lumen gentium*, n. 10: *AAS* 57 (1965) 14-15.
[18] *Presbyterorum ordinis*, n. 2: *AAS* 58 (1966) 993.
[19] *Ibid.*
[20] Cf. *Pastores dabo vobis*, n.16: *AAS* 84 (1992) 681.

jxandru l-Kelma, jiċċelebraw is-sagramenti u jmexxu l-poplu t'Alla.[21] Mingħajr dawn id-doni l-Knisja titlef l-identità tagħha. Għalhekk is-saċerdozju ministerjali hu l-punt nevralġiku u ħaj tal-eżistenza tal-Knisja, billi hu sinjal effikaċi tal-ewwel post li għandha l-grazzja li biha Kristu Rxoxt jibnieha fl-Ispirtu.[22]

B'hekk is-saċerdoti, li jirrappreżentaw lil Kristu Ragħaj, isibu fid-dedikazzjoni sħiħa tagħhom għall-Knisja, l-element li jgħaqqad l-identità teoloġika tagħhom u l-ħajja spiritwali tagħhom. Għalhekk, "il-karità tas-saċerdot hija ndirizzata l-ewwel nett għal Ġesù Kristu: jekk iħobb u jaqdi 'l Kristu, Kap u Għarus, il-karità ssir għajn, kriterju, kejl u qawwa tal-imħabba u tal-qadi li s-saċerdot jagħti lill-Knisja, il-ġisem u l-Għarusa ta' Kristu".[23] Jekk is-saċerdozju ministerjali ma jagħrafx il-bidu tiegħu lil din l-imħabba, jispiċċa biex ikollu servizz funzjonali biss, flok ma jaqdi bħalma ragħaj jagħti ħajtu għall-merħla. Għalhekk, hija l-imħabba għal Kristu l-ewwel u qabel kollox ir-raġuni li ssawwar il-vokazzjoni tal-presbiteru.

7. Il-ministeru presbiterjali, mogħti bis-sagrament tal-Ordni, min-natura tiegħu hu mmarkat mill-ħajja trinitarja[24], ħajja li waslet bis-saħħa ta' Kristu u tal-għaqda tiegħu mal-Missier fl-Ispirtu s-Santu. Din hi l-karatteristika essenzjali tal-identità presbiterjali.[25]

---

[21] Cf. *Presbyterorum ordinis*, nn. 4-6: *AAS* 58 (1966) 995-1001.

[22] Cf. *Pastores dabo vobis*, n. 15: *AAS* 84 (1992) 679.

[23] *Pastores dabo vobis*, n. 23: *AAS* 84 (1992) 691.

[24] "L-identità saċerdotali – kitbu l-Padri sinodali –, bħal kull identità nisranija għandha l-għajn tagħha fit-Trinità Qaddisa [...]Hu minn ġewwa il-misteru tal-Knisja li hu misteru ta' komunjoni trinitarja b'herqa missjunarja, li toħroġ fid-deher kull identità nisranija u għalhekk anki kull identità speċifika tas-saċerdot u tal-ministeru tiegħu. Infatti l-presbiteru, bil-qawwa tal-konsagrazzjoni li jirċievi bis-sagrament tal-Ordni, hu mibgħut mill-Missier, permezz ta' Ġesù Kristu, Kap u Ragħaj tal-poplu tiegħu li miegħu hu kkonfigurat b'mod speċjali, biex jgħix u jopra bis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu għas-servizz tal-Knisja u għas-salvazzjoni tad-dinja" (*Pastores dabo vobis*, n. 12: *AAS* 84 [1992] 675-676).

[25] "Il-kwalità li hi essenzjalment "relazzjonali" tal-identità tal-presbiteru tista' tiftiehem hekk: permezz tas-saċerdozju, li jingħata mill-qiegħ nett tal-misteru li ma jitfissirx ta' Alla, jiġifieri mill-imħabba tal-Missier, mill-grazzja ta' Ġesù Kristu u mid-don tal-unità tal-Ispirtu s-Santu,

Is-saċerdot jgħix fil-komunjoni rejali u ontoloġika tal-Presbiterju magħqud mal-Isqof tiegħu. Infatti: "Bis-saħħa tan-natura tiegħu stess, il-ministeru tal-ordni jista' jitwettaq biss daqs kemm il-presbiteru hu magħqud ma' Kristu permezz tad-daħla sagramentali fl-ordni presbiterali u għalhekk daqs kemm hu qiegħed fil-komunjoni ġerarkika mal-Isqof tiegħu. Il-ministeru tal-ordni għandu "forma komunitarja" sa mill-għeruq tiegħu u jista' jitwettaq biss bħala 'ħidma ta' flimkien'".[26]

Is-saċerdot jaqdi l-*komunjoni* tal-Knisja fl-isem ta' Ġesù Kristu. Il-Mulej isejjaħ personalment lill-presbiteru u jgħaqqdu miegħu b'rabta personali biex jgħix ħajja ta' aħwa bħall-appostli u biex jaqdi l-missjoni pastorali li taf il-bidu tagħha b'mod mill-aktar sabiħ fit-Trinità. Il-ħajja ta' aħwa tal-appostli li ġejja mill-komunjoni u mis-sehem fil-komunjoni tat-Trinità, hija l-qofol tal-identità tal-ministeru ordinat.[27]

Hija ħaġa ċara li l-mixja tal-vokazzjoni u l-formazzjoni stess għandu jkollhom l-elementi essenzjali tal-istess ħajja tat-Trinità[28], bħalma għandu l-ministeru ordinat, u fejn is-sejħa personali ta' Kristu hi biex taqdi l-ħajja ta' komunjoni-missjoni li ġejja mill-ħajja tat-Trinità.

Għalhekk waħda mill-ħidmiet importanti tal-pastorali tal-vokazzjonijiet għandha tkun dik li toffri lit-tfal u ż-żgħażagħ esperjenza nisranija, li permezz tagħha huma jgħixu il-ħajja ta' Alla stess f'komunjoni ma' ħuthom u fil-missjoni tal-evanġelizzazzjoni.[29]

---

il-presbiteru jidħol b'mod sagramentali fil-komunjoni mal-Isqof u mal-presbiteri l-oħra, biex jaqdi l-Poplu t'Alla li hi l-Knisja u jiġbed lil kulħadd lejn Kristu" (*Pastores dabo vobis,* n. 12: *AAS* 84 [1992] 676).

[26] *Pastores dabo vobis*, n. 17: *AAS* 84 (1992) 683.

[27] Cf. *Presbyterorum ordinis,* nn. 7-9: *AAS* 58 (1966) 1001-1006.

[28] Cf. *Pastores dabo vobis*, n. 17: *AAS* 84 (1992) 682-684.

[29] "Qabel ma jiġu pprogrammati inizzjattivi konkreti jeħtieġ *ninkuraġġixxu spiritwalità ta' komunjoni*, billi nuruha bħala prinċipju edukattiv fil-postijiet kollha fejn jiġi ffurmat il-bniedem u n-nisrani, fejn jiġu edukati l-ministri tal-artal, il-konsagrati, l-operaturi pastorali, fejn jibnew

Fil-waqt li jħossuhom li huma parti minn familja ta' wlied, subien u bniet, li għandhom l-istess Missier li jħobbhom ħafna, huma jħossu li huma msejħin biex jgħixu bħal aħwa, subien u bniet u waqt li jibqgħu fl-għaqda ta' bejniethom, huma joffru lilhom infushom għas-serviz tal-evanġelizzazzjoni ġdida "biex ixandru u jkunu xhieda tal-verità tal-għaġeb tal-imħabba fejjieda t'Alla."[30]

Il-pastorali tal-vokazzjonijiet għall-ministeru tal-ordni għandha l-għan li tifforma nies li jafu jgħixu f'komunjoni u mogħtija għall-missjoni biex ikunu kapaċi jgħixu skont il-"kmandament il-ġdid" (*Ġw* 13, 34), li hu għajn tal-"ispiritwalità tal-komunjoni".

Il-promozzjoni tal-vokazzjonijiet u d-dixxerniment li jiġi minnha għandhom jaħdmu ħafna dwar din l-esperjenza nisranija, li hi l-bażi tal-mixja ta' grazzja li tinsab fis-Sagrament tal-Ordni u li hija l-kundizzjoni għal evanġelizzazzjoni awtentika.

8. Għandu jsir dixxerniment prudenti u għaref tal-kundizzjonijiet essenzjali biex wieħed jidħol għas-saċerdozju ħalli jkun aċċertat li dawk li huma "msejħin" jkollhom il-kwalitajiet meħtieġa. Il-pastorali tal-vokazzjonijiet issir bil-ħsieb li t-tweġiba għas-sejħa tinbena fuq l-armonija dejjem tikber tal-personalità u tal-partijiet kollha tagħha li huma: l-ħajja umana u nisranija, personali u komunitarja, kulturali u pastorali.

Fil-*Pastores dabo vobis* naqraw li "ma tistax ma tkunx taf n-natura u l-missjoni tas-saċerdozju ministerjali u fl-istess ħin dan it-tagħrif hu gwida l-aktar żgura u wkoll raġuni mill-aktar qawwija biex fil-Knisja issir ħidma pastorali għall-promozzjoni u

---

il-familji u l-komunitajiet" (ĠWANNI PAWLU II, Ittra Apostolika *Novo millennio ineunte*, 6 ta' Jannar 2001, n. 43: *AAS* 93 [2001] 297).

[30] ĠWANNI PAWLU II, *Messaġġ għal XLII Ġurnata Dinjija ta' Talb għall-Vokazzjonijiet* (17 ta' April 2005), f'*Insegnamenti* XXVII-2 (2004) 115.

għad-dixxerniment tal-vokazzjonijiet saċerdotali u tal-formazzjoni ta' dawk li huma msejħin għall-ministeru tal-ordni».[31]

Għal dan il-għan, ewwel u qabel kollox, il-hidma pastorali għall-vokazzjonijiet trid tagħmel aktar matura l-persuna kollha kemm hi biex dawk li huma "imsejħa" għas-saċerdozju jikkonformaw ruħhom ma' Kristu Ragħaj f'ambjent ta' esperjenza profonda ta' komunità.

Kull min hu msejjaħ irid isib ruħu f'kundizzjoni li jgħix rabta intima ta' mħabba mal-Missier li qiegħed isejjaħlu, mal-Iben li jikkonformah miegħu, mal-Ispirtu li jiffurmah biex jitgħallem jitlob, jisma' l-Kelma, jieħu sehem fl-Ewkaristija u jadura fis-skiet.

Is-sejħa tal-vokazzjoni timxi pass pass ma' kemm l-imsejjaħ jieħu fuqu bil-mod il-mod il-ħidmiet, l-għażliet u r-responsabiltajiet, anki biex jilħaq l-għan li jagħmel dixxerniment profond u wiesa' ta' kemm il-vokazzjoni tiegħu hi waħda awtentika.

Jeħtieġ li wieħed isawwar fih u jimmatura l-ħajja tal-imħabba biex jilqa' il-grazzja tas-Sagrament. Ma jistgħux jiġu msejħa persuni li, minkejja li jkunu għamlu mixja ta' konverżjoni u tkun waħda ta' min ifaħħarha, fihom ikunu jidhru nuqqasijiet umani serji.

Huwa importanti li min hu msejjaħ jkun jaf b'mod ċar l-impenji li dieħel għalihom, b'mod partikulari dak taċ-ċelibat.[32]

Hu importanti li s-sejħa trabbi għeruqha f'ambjent partikulari tal-Knisja li jagħti raġuni tajba għall-għażla tal-vokazzjoni u jgħin biex ifejjaq xi tendenzi ta' individwaliżmu li jistgħu jkunu marbuta

---

[31] *Pastores dabo vobis*, n. 11: *AAS* 84 (1992) 674.

[32] "Jixraq li nsemmu b'mod partikulari l-formazzjoni għaċ-ċelibat tal-kandidati għas-saċerdozju. Huwa importanti li huma jitgħallmu jgħixu u jqisu ċ-ċelibat bħala don prezzjuż ta' Alla u bħala sinjal mill-iktar eskatoloġiku, li jixhed imħabba sħiħa għal Alla u għall-poplu tiegħu u jikkonfigura is-saċerdot ma' Ġesù Kristu, Ras u Għarus tal-Knisja. Infatti don bħal dan b'mod mill-aqwa li "juri s-saċerdot li l-qadi lill-Knisja fil-Mulej u mal-Mulej" u jirrappreżenta valur profetiku għad-dinja tallum" (BENEDITTU XVI, Ittra *Lill-Isqfijiet, lill-presbiteri, lill-persuni kkonsagrati u lill-fidili lajċi tal-Knisja kattolika fir-Repubblika Popolari Ċiniża*, 27 ta' Mejju 2007, nru. 14: AAS 99 [2007] 577).

magħha.[33] F'dan is-sens toħroġ weħidha kemm hija importanti il-kwalità ta' esperjenza li ssir fil-parroċċa u fid-djoċesi, li wieħed jattendi u jieħu sehem attiv fl-għaqdiet u fil-movimenti tal-Knisja.[34]

Is-soltu jkun maħsub biex iż-żgħażagħ u l-ġuvnitur li jkunu se jidħlu s-seminarju jagħmlu esperjenza f'komunità.

9. Għandhom sehem deċiżiv dawk li jieħdu ħsieb iż-żgħażagħ fil-vokazzjoni tagħhom. Ta' spiss jiġri li huma jidħlu għal dan ix-xogħol wara dak is-saċerdot li jkun għenhom u ħeġġiħom fil-bidu tal-vokazzjoni tagħhom. Kemm ir-relazzjoni mal-edukaturi, kif ukoll il-mod ta' ħajja ta' aħwa ma' nies oħra li huma wkoll imsejħin, jgħinu biex id-dixxerniment tal-għażla tal-vokazzjoni jkun aktar awtentiku u sod.

Bla dubju ta' xejn, il-ħajja tas-saċerdoti wieħed wieħed u tal-presbiterju djoċesan kollu flimkien, għandha l-ħila tnissel il-figura ideali tas-saċerdot u l-kundizzjonijiet tal-ministeru tiegħu fil-ħajja ta' kuljum anki fil-mod kif jidher quddiem in-nies, biex tgħin tiżviluppa s-sejħa għall-presbiterat.

Eżempji ta' ħajja ta' saċerdoti, meqjuma bħala qaddisin, jgħinu mhux ftit biex dawk li huma msejħin jagħmlu kuraġġ u jkunu ġenerużi. Saċerdoti li jiddedikaw kollhom kemm huma biex jaqdu l-ministeru pastorali tagħhom huma l-aktar mudelli ta' min iħares lejhom għax isaħħu r-raġunijiet għall-għażla tal-ordni tal-presbiterat.

Biżżejjed wieħed jiftakar f' San Ġwann Maria Vianney, il-Qaddis Kurat t'Ars, li l-Qdusija Tiegħu Benedittu XVI għażlu bħala mudell jiddi għas-saċerdoti kollha fis-sena tas-saċerdot tal-2010. Miegħu nistgħu nfakkru lil ħafna saċerdoti oħra tassew

[33] Cf. *Pastores dabo vobis*, n. 9: *AAS* 84 (1992) 670-671.
[34] Cf. *Pastores dabo vobis*, n. 68: *AAS* 84 (1992) 775-778.

eżemplari, li, b'sagrifiċċju persunali, ħadu ħsieb il-mixja tal-poplu t'Alla fil-knejjes lokali matul iż-żminijiet.

Huwa żgur u jkun importanti li t-talb mimli fiduċja u insistenti lill-Verġni Marija, Omm is-Saċerdoti, jagħti riżultati importanti biex tgħinhom jilqgħu bil-qalb l-pjan t'Alla għal ħajjithom u biex bil-fidi u bl-imħabba jgħidu "iva" lill-Mulej, li jsejjaħ dejjem ħaddiema ġodda ħalli s-Saltna t'Alla tasal ma' kullimkien.

10. Biex tikber u timmatura l-vokazzjoni presbiterali teħtieġ l-imħabba vera għall-Knisja tal-post u biex wieħed ikun kollu kemm hu dejjem lest biex jgħin f'kull qasam pastorali, ħalli b'hekk iħossu ħieles minn ġewwa u ma jħossx li hu s-sid tal-vokazzjoni tiegħu.

Is-sehem attiv fil-ħajja ta' komunità nisranija jista' jgħin biex jiġu evitati forom ta' klerikaliżmu, sitwazzjonijiet li fihom qisu kollox idur mas-saċerdot, ħidma pastorali bil-biċċiet, għażliet fil-pastorali magħmulin skond kif jaqbel lil dak li jkun u meta wieħed ma jkunx kapaċi jara l-affarijiet mal-oħrajn u lanqas jaħseb fl-għaqda tal-komunità.

Biex tinbena Knisja li hija l-ħin kollu fi stat ta' missjoni, is-sejħa għall-presbiterat titwettaq meta tkabbar komunità għanja b'ħafna ministeri u li fiha hemm spazji wiesa' għas-sehem attiv u responsabbli tal-fidili lajċi.

Biex ikollhom il-ħila jħeġġu u jsostnu komunità, huwa importanti li ż-żgħażagħ li huma msejħa għas-saċerdozju jitgħallmu jaħdmu ma' xulxin u jiġu wiċċ imbwiċċ mal-komunità nisranija kollha u jistmaw u jirrispettaw il-vokazzjonijiet kollha.

Id-dimensjoni universali hi kwalità importanti tal-ministeru saċerdotali.[35] L-ordinazzjoni presbiterali tagħmel lill-presbiteru kapaċi għall-missjoni tiegħu, u dan hu aspett essenzjali tal-identità presbiterali.

F'dan is-sens hija ħaġa importanti li wieħed jgħallem lil min hu msejjaħ li jieħu ħsieb lil dawk ta' madwaru u, fl-istess ħin, iħares lejn dawk li jinsabu 'l bogħod.

Li wieħed ikun lest għall-missjoni turi tassew min hu l-presbiteru f'kull ma jagħmel. Dan ifisser li jkun hemm ġewwa fih u jkollu mod kif jgħix, aktar milli mod li jagħmel l-affarijiet, li jiddistingwuh għall-kuraġġ li joħroġ minn kull forma ta' partikolariżmu, biex jiftaħ qalbu għall-ħtiġijiet tal-evanġelizzazzjoni l-ġdida.

[35] Cf. KONGREGAZZJONI GĦALL-KLERU, *Direttorju għall-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri* (31 ta' Jannar 1994), nri. 14-15.



## III. SUĠĠERIMENTI GĦALL-PASTORALI TAL-VOKAZZJONIJIET SAĊERDOTALI

11. Il-vokazzjonijiet saċerdotali huma frott tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisja. Hemm xi pajjiżi li fihom il-vokazzjonijiet saċerdotali qed jiżdiedu b'mod tajjeb b'tama għall-futur. Dan iħeġġeġ lil kulħadd jibqa' sejjer 'il quddiem fil-ħidma tal-vokazzjonijiet.

Il-Knisja li taf kemm huma meħtieġ il-vokazzjonijiet għas-saċerdozju, temmen li dawn huma don t'Alla u titlob 'il-Mulej b'talb bla ma jaqta' u mimli fiduċja sabiex Alla jkun ġeneruż fl-għotja tagħhom.

"Fil-fatt il-'ħaddiema' jagħżilhom Alla nnifsu, li hu 'Sid il-ħsad', billi jsejjaħ persuni dejjem għax irid u b'mod li ma tistenniex. Madankollu, fil-misteru tal-patt li hu għamel magħna, aħna mistednin biex "naħdmu flimkien mal-providenza billi nużaw il-forza kbira li hu poġġa f'idejna: *it-talb*! Dan hu li talabna nagħmlu

Ġesù: 'Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu!'".[36]

It-talb iċaqlaq il-qalb ta' Alla; għal min jemmen isir skola kbira ta' ħajja, jgħallimna nħarsu lejn id-dinja u lejn il-ħtiġijiet ta' kull bniedem b'għerf tal-Vanġelu; fuq kollox jgħaqqad il-qlub mal-istess karità u mal-ħniena ta' Kristu għall-bnedmin kollha.[37]

L-esperjenza ta' ħafna Knejjes lokali turi li numru sew ta' żgħażagħ iħossu s-sejħa għas-saċerdozju ministerjali, l-aktar fil-komunitajiet li jitolbu regularment u sewwa.

12. Fil-Punent bħalissa hemm kultura li ma tagħtix każ tal-fidi nisranija u ma tistax tifhem is-siwi tal-vokazzjonijiet għall-konsagrazzjoni speċjali.

Madankollu l-Knisja, li hi msejħa biex tgħix fiż-żminijiet, qed tara bl-għerf tagħha li fil-ġrajja tal-istorja hemm il-preżenza t'Alla li timxi, tistaqsi, issejjaħ biex isir patt ta' ħbiberija anki fil-mumenti meta l-inqas jidher li jista' jkun hemm riżultat u joħroġ frott. Il-Knisja tħares "b'ħafna imħabba lejn id-dinja għax, anki jekk id-dinja tħossha barranija għall-Kristjaneżmu, hija ma tistax tħossha barranija għad-dinja, tkun xi tkun l-imġiba tad-dinja lejn il-Knisja."[38]

Ilum ukoll l-Knisja għadha tkompli tħabbar il-Kelma t'Alla u twassal l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni bil-kuraġġ tal-verità. B'mod partikulari, il-Knisja tfittex li tissuġġerixxi lit-tfal u liż-żgħażagħ

---

[36] ĠWANNI PAWLU II, *Diskors lill-Membri tas-"Serra International"* (7 ta' Diċembru 2000), f'*Insegnamenti* XXIII-2 (2000) 1050; ara *Diskors lis-Soċi tas-"Serra International"* (29 ta' Marzu 1980), f'*Insegnamenti* III-1 (1980) 759-761.
[37] Cf. ĠWANNI PAWLU II, *Messaġġ għat-XXXVIII Ġurnata Dinjija tat-Talb għall-Vokazzjonijiet* (6 ta' Mejju 2001): AAS 93 (2001) 98-102.
[38] PAOLO VI, *F'Betlehem: stedina għall-fraternità, għaqda u paċi* (6 ta' Jannar 1964): *AAS* 56 (1964) 177; *L'Osservatore Romano* Anno CIV – n. 5 (7-8 gennaio 1964) 2.

il-fidi li tkellimhom fuq il-ħajja tagħhom u taqtagħlhom l-għatx li għandhom tal-ferħ li jinsab fil-qalb tal-bniedem.

Dan ifisser li l-Knisja trid tissuġġerixxi l-ħajja tal-fidi tkun rabta personali u qawwija mal-Mulej Ġesù Kristu, li wera l-Misteru t'Alla.

Mit-tweġiba tal-fidi jibda l-għarfien tal-vokazzjoni, l-aktar meta tiġi minn ħdan il-komunitajiet insara li jgħixu l-ħajja sabieħa tal-Vanġelu, u fejn jkun hemm animaturi u edukaturi li huma kapaċi jindunaw bis-sinjali tal-vokazzjoni.

Sabiex ikun hemm ħajja ta' fidi nisranija li kapaċi twassal għat-tweġiba tal-vokazzjoni, hu meħtieġ ikun hemm relazzjonijiet umani veri[39] li jinħolqu mill-edukaturi u leaders tagħhom li jkunu kibru fil-fidi u jkun hemm ambjenti komunitarji ta' ħajja nisranija li jkunu sbieh u li fihom wieħed jista' jagħti sehmu.

Hi ħaġa tajba tissuġġerixxi bil-miftuħ il-ħajja saċerdotali lil tfal u żgħażagħ u, fl-istess ħin, jeħtieġ li l-komunitajiet insara jkunu mistiedna jitolbu b'aktar qawwa lil «Sid il-ħsad» (*Mt* 9, 38) ħalli jkun hemm ministri u reliġjużi ġodda.

Għal dan il-għan jeħtieġ li fil-Knejjes lokali jkun hemm pastorali ġenerali li titmexxa bil-ħeġġa tal-Vanġelu li taħdem għall-vokazzjonijiet u għall-missjonijiet.

13. Il-membri kollha tal-Knisja huma responsabbli biex jieħdu ħsieb il-vokazzjonijiet saċerdotali. "Il-Konċilju Vatikan II kien ċar bħal qatt qabel meta stqarr li 'it-tħabrik għall-vokazzjonijiet huwa dmir tal-komunità nisranija kollha; dan id-dmir trid qabel xejn taqdih billi tgħix ħajja għal kollox nisranija' (*Optatam totius*, n. 2). Fuq dan

---

[39] Cf. *Novo millennio ineunte*, n. 45: *AAS* 93 (2001) 298-299.

il-pedament il-pastorali tal-vokazzjonijiet tista' turi kemm il-ħidma tal-vokazzjonijiet huwa xogħol maħdum mill-Knisja kollha u dan isir bl-attività sabiħa ta' kulħadd u wkoll bl-għajnuna ta' organiżmi speċifiċi u ta' għodda adattati li jġibu l-komunjoni u l-korresponsabiltà."[40]

70 sena ilu, is-Santa Sede waqqfet l-*Opra Pontifiċja għall-Vokazzjonijiet Saċerdotali* bil-għan li tippromwovi l-kollaborazzjoni bejn is-Santa Sede u l-Knejjes lokali għall-promozzjoni tal-vokazzjonijiet għall-ministeru tal-Ordni Sagri.

Dan l-organiżmu jaħdem biex ixerred u jgħarraf il-*Messaġġ għall-Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet*, li l-Qdusija Tiegħu l-Papa jwassal kull sena lill-Knisja kollha. Barra minn hekk, din l-*Opra Pontifiċja* taħdem biex tiġbor l-inizzjattivi vokazzjonali l-aktar importanti li jsebbħu l-Knejjes lokali u twassalhom lill-Knejjes kollha; torganizza Kungressi internazzjonali; tippromwovi u tikkollabora biex isiru dawn il-Kungressi fil-kontinenti bil-għan li tgħinhom jaħdmu flimkien lil dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-pastorali tal-vokazzjonijiet.

L-esperjenza tas-snin li għaddew turi li l-użu tal-*Messaġġ* tal-Qdusija Tiegħu l-Papa jgħin lill-Knejjes lokali biex ifasslu, jissuġġerixxu u jwettqu l-programmi annwali tal-pastorali tal-vokazzjonjoniet.

Ir-rwol tal-Isqof fil-promozzjoni tal-vokazzjonijiet u, b'mod partikulari, tal-vokazzjonijiet saċerdotali, hu wieħed importanti u jieħu l-ewwel post. "L-ewwel responsabiltà tal-pastorali tal-vokazzjonijiet saċerdotali hi f'idejn l-Isqof (*Christus Dominus*, n. 15), li hu msejjaħ biex ikun hu l-ewwel wieħed li jaħdem għaliha,

[40] *Pastores dabo vobis*, n. 41: *AAS* 84 (1992) 726-727.

u wkoll biex jekk jista’, imma għandu jitlob lil ħafna nies biex jaħdmu miegħu. L-Isqof hu l-missier u l-ħabib fil-presbiterju tiegħu, u qabel xejn għandu jħeġġeġ biex “iżomm ħajjin” il-kariżma u l-ministeru presbiterali, billi jżid nies ġodda bit-tqegħid tal-idejn. Hu jrid jieħu ħsieb biex il-qasam tal-vokazzjonijiet ikun dejjem preżenti fil-pastorali ordinarja, u li din il-ħidma għall-vokazzjonijiet tkun integrata b’mod sħiħ u kważi identifikata magħha. L-Isqof irid jara li qiegħed jippromwovi u jikkordina l-inizzjattivi differenti tal-vokazzjonijiet.”[41]

Huwa x-xogħol tal-Isqof li jara li l-pastorali taż-żgħażagħ u dik tal-vokazzjonijiet jagħtihom f’idejn saċerdoti u persuni li jkollhom il-ħila jwasslu bl-entużjażmu u bl-eżempju ta’ ħajjithom il-ferħ li jġarrbu meta jimxu wara l-Mulej Ġesù fl-iskola tal-Vanġelu.

Fuq livell djoċesan, l-Isqof għandu jwaqqaf iċ-Ċentru għall-vokazzjonijiet li jkun magħmul minn saċerdoti, reliġjużi u lajċi, bħala organiżmu ta’ komunjoni għas-servizz tal-pastorali vokazzjonali fil-Knisja lokali bil-għan li jħajjar għall-vokazzjonijiet ta’ konsagrazzjoni speċjali fil-kuntest tal-vokazzjonijiet kollha.

Ic-Ċentru għall-vokazzjonijiet jieħu ħsieb il-formazzjoni tal-animaturi tal-vokazzjonijiet, irawwem u jxerred l-kultura vokazzjonijiet fost il-poplu t’Alla, jieħu ħsieb ifassal programm tal-pastorali tal-vokazzjonijiet għad-djoċesi, jaħdem b’mod partikulari flimkien mal-organiżmi djoċesani tal-pastorali tal-familja, tal-katekeżi u taż-żgħażagħ.

---

41 *Pastores dabo vobis*, n. 4l: *AAS* 84 (1992), 727; ara KONĊILJU VATIKAN II, Digriet fuq il-Formazzjoni tas-saċerdoti *Optatam totius* (28 ta’ Ottubru 1965): n. 2; CODEX IURIS CANONICI, can. 385.

Fid-djoċesijiet u fil-parroċċi għandhom jiġu mwaqqfa u msaħħa il-gruppi tal-vokazzjonijiet li jissuġġerixxu programmi ta' edukazzjoni nisranija u l-ewwel dixxerniment vokazzjonali.[42]

B'mandat tal-Konferenzi Episkopali u normalment taħt it-tmexxija ta' Isqof, iċ-Ċentri nazzjonali jew interdjoċesani tal-vokazzjonijiet, jikkordinaw iċ-Ċentri djoċesani tal-vokazzjonijiet.

14. Il-grazzja tas-sejħa ssib art għammiela fi Knisja li, bil-ħila tal-komunitajiet tagħha u tal-fidili kollha, toħloq ambjent tajjeb biex tingħata tweġiba ħielsa u ġeneruża għall-vokazzjonijiet.

Il-Beatu Ġwann Pawlu II talab lill-Isqfijiet "biex isaħħu il-ħajja soċjali tal-komunità nisranija permezz tal-evanġelizzazzjoni tal-familja, jgħinu l-lajċi jqawwu l-valuri tal-koerenza, tal-ġustizzja u tal-imħabba nisranija fid-dinja taż-żgħażagħ".[43]

Ix-xhieda ta' *komunitajiet insara*, li jagħrfu jagħtu raġuni għal twemminhom, hija ħaġa aktar meħtieġa f'dawn iż-żminijiet sabiex l-insara li jridu jimxu wara Kristu, ikunu jistgħu jwasslu l-imħabba tiegħu lill-oħrajn. Il-komunjoni ta' dawk li jemmnu fi Kristu tħejjihom biex jilqgħu s-sejħa tal-Mulej li jistieden għall-konsagrazzjoni u għall-missjoni.

Il-promozzjoni tal-vokazzjoni saċerdotali l-ewwl li ssir fil-familji nsara; jekk ikunu mixgħulin bl-ispirtu tal-fidi, tal-imħabba u tat-tjieba, huma jiffurmaw bħallikieku kien "l-ewwel seminarju" (ara *Optatam totius*, nru. 2) u jkomplu "joħolqu l-ambjent tajjeb biex fihom jitwieldu l-vokazzjonijiet."[44]

Għalkemm fil-familji nsara ssib sens ta' rispett lejn il-persuna tas-saċerdot, madankollu, l-aktar fil-Punent, jidher li fil-familji

---

[42] Cf. *Pastores dabo vobis*, n. 41: *AAS* 84 (1992) 728.

[43] ĠWANNI PAWLU II, Messaġġ għat-XXX Ġurnata Dinjija ta' Talb għall-Vokazzjonijiet (2 ta' Mejju 1993), f'*Insegnamenti* XV-2 (1992) 135.

[44] *Pastores dabo vobis*, n. 41: *AAS* 84 (1992) 728.

hemm ċerta diffikultà biex tintlaqa' l-vokazzjoni saċerdotali jew il-konsagrazzjoni ta' xi ħadd mill-ulied.

Il-pastorali tal-familja u l-pastorali vokazzjonali jaħdmu fl-istess ambjent edukattiv. Għal dan il-għan jeħtieġ li l-ġenituri jkunu jafu tajjeb il-ministeru tagħhom li jkunu edukaturi tal-fidi li jsib l-għeruq tiegħu fis-Sagrament taż-Żwieġ, biex fi ħdan il-familja jikber l-ambjent umana u sopranatura u li jagħmluha possibbli li wieħed isib li hu msejjaħ għall-vokazzjoni saċerdotali.

Il-parroċċa hi l-post mill-aħjar li fih jitħabbar il-Vanġelu tal-vokazzjoni nisranija u, b'mod partikulari, jiġi ppreżentat l-ideal tas-saċerdozju ministerjali. Hija l-art għammiela li fiha l-vokazzjonijiet jitrawmu u jimmaturaw, jekk kemm-il darba tkun "familja ta' Alla bħala għaqda ta' aħwa mħeġġin minn spirtu wieħed permezz ta' Kristu fl-Ispirtu"[45] u, għalhekk ikollha l-istil ta' ħajja tal-ewwel komunitajiet insara (ara *At* 2, 42; 4, 32).

Fil-parroċċa tidher ċar kemm jeżistu vokazzjonijiet differenti u fiha wieħed jinduna kemm huma urġenti l-vokazzjonijiet saċerdotali għax huma neħtieġa biex jiżguraw li jkun hemm iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Il-komunità parrokkjali hu l-ġuf li jagħti l-frott u joffri 'l dawk kollha li huma mexjin lejn il-ministeru saċerdotali għajnuna mill-aqwa għall-formazzjoni umana u spiritwali.

Il-presbiteri u dawk li huma kkonsagrati, l-aktar dawk li jaħdmu fil-komunitajiet parrokkjali, għandhom ir-responsabilità li jagħmlu suġġeriment ċar għall-vokazzjoni saċerdotali lit-tfal, lill-addolexxenti u liż-żgħażagħ, u dan minħabba ix-xogħol edukativ tagħhom mimli għaqal u konvinzjoni li kapaċi jqajjem mistoqsija f'xi ħadd li jistaqsi lilu nnifsu dwar hux msejjaħ.

[45] *Lumen gentium*, nru. 28: *AAS* 57 (1965) 34.

Il-katekisti wkoll u l-animaturi tal-pastorali fil-parroċċi, filwaqt li joffru tagħlim wiesa' fuq il-messaġġ nisrani, jistgħu jgħaqqdu is-suġġetti tat-tagħlim tal-katekeżi mal-preżentazzjoni tal-vokazzjonijiet differenti, l-aktar dik tal-vokazzjoni saċerdotali. "B'mod partikulari l-katekisti, l-għalliema, l-edukaturi, l-animaturi tal-pastorali taż-żgħażagħ, kull wieħed bir-riżorsi u bil-mod tiegħu, għandhom sehem kbir fil-pastorali tal-vokazzjonijiet saċerdotali: aktar ma jifhmu s-sens tal-vokazzjoni u l-missjoni tagħhom fil-Knisja, aktar u aktar jistgħu jagħrfu s-siwi tal-vokazzjoni u tal-missjoni saċerdotali u li dawn ma jistgħu jinbidlu ma' xejn".[46]

15. Is-seminaristi għandhom jkunu mfakkra kemm hu tassew veru fix-xogħol pastorali li: "Ħadd aħjar miż-żgħażagħ ma hu adattat biex jevanġelizzaw liż-żgħażagħ. Il-kandidati żgħażagħ li qed iħejjew ruħhom għall-presbiterat, il-ġuvintur u t-tfajliet li qegħdin jieħdu l-formazzjoni tagħhom għall-ħajja reliġjuża u missjunarja, kemm kull wieħed minnhom kif ukoll bħala komunità, huma l-ewwel u l-aħjar appostli tal-vokazzjoni fost iż-żgħażagħ l-oħra."[47] Barra minn hekk, il-gruppi ekkleżjali organizzati, il-movimenti u l-għaqdiet għandhom jiġu kkunsidrati bħala ambjenti importanti tat-tagħlim li fihom tista' ssir is-sejħa għall-vokazzjoni saċerdotali. Fi ħdan dawn il-postijiet, iż-żgħażagħ jistgħu jiltaqgħu ma' Kristu minħabba il-mod li bih jieħdu ħsieb tal-persuni, l-aktar minħabba li huma mistiedna jieħdu ħsieb il-ħajja spiritwali ċara mibnija fuq it-talb.

---

[46] *Pastores dabo vobis*, n. 41: *AAS* 84 (1992) 728.

[47] KONGREGAZZJONI GĦALL-KNEJJES TAL-LVANT, GĦAR-RELIĠJUŻI U GĦALL-ISTITUTI SEKOLARI, GĦALL-EVANĠELIZZAZZJONI TAL-ĠNUS, GĦALL-EDUKAZZJONI KATTOLIKA, *Żviluppi tal-kura pastorali tal-vokazzjonijiet fil-knejjes partikulari: esperjenzi tal-imgħoddi u programmi għall-futur.* Dokument finali tat-II Kungress internazzjonali tal-isqfijiet u ta' nies responsabbli oħra tal-vokazzjonijiet ekkleżjastiċi, Ruma, 10-16 ta' Mejju 1981 (2 maggio 1982), n. 41.

Mhumiex ftit dawk il-vokazzjonijiet li twieldu minn esperjenzi bħal dawn[48].

Fl-iskola, l-għalliema li jagħmlu xogħol li min-natura tiegħu hu vokazzjoni u missjoni, jistgħu jwessgħu l-ħidma edukattiva tal-familja fil-qasam tal-kultura bla ma qatt jittraskuraw l-aspett vokazzjonali tal-ħajja.

Il-ħidma tagħhom tista' tiftaħ il-bieb għal għażla ta' ħajja kollha kemm hi mogħtija lil Alla u lil ħuthom il-bnedmin. B'hekk iqanqlu "fil-qalb tat-tfal u taż-żgħażagħ ix-xewqa li jwettqu r-rieda t'Alla f'dak l-istat ta' ħajja li l-aktar jaqbel għal kull wieħed, bla ma qatt jaqtgħu barra il-vokazzjoni għall-ministeru saċerdotali".[49]

Anki ż-żmien tal-università, f'ħafna pajjiżi qed isir żmien ta' ħafna frott għax fih iż-żgħażagħ jagħmlu l-għażliet tagħhom għal ħajja. Dan jitlob attenzjoni mill-aktar kbira: żmien iż-żgħożija huwa prezzjuż u deċiżiv li fih wieħed ifittex is-sens sħiħ ta' ħajtu.

Dawk li jieħdu ħsieb jorganizzaw il-ħin liberu u l-isport fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Knisja, lil hemm mill-għanijiet speċifiċi li jispiraw l-attivitajiet tagħhom u l-valuri umani li huma jridu jnisslu fil-ħajja taż-żgħazagħ, ma jridux jagħlqu għajnejhom għall-iskop l-aktar għoli: il-formazzjoni sħiħa u armonika tal-persuna. Formazzjoni umana bħal din, daqskemm wieħed jiltaqa' mal-proposta edukattiva nisranija, dan ikun ħoloq art tajba biex fiha ssir is-sejħa għal-vokazzjoni saċerdotali.

Id-direzzjoni spiritwali huwa mod speċjali li bih isir id-dixxerniment u l-akkumpanjament tal-vokazzjonijiet. Is-saċerdoti huma mitluba biex b'mod konvinċenti jkunu lesti li jisimgħu u jiddjalogaw u jkunu kapaċi jqanqlu u jagħtu tweġiba

[48] Cf. *Pastores dabo vobis,* n. 41: *AAS* 84 (1992) 726-729.

[49] *Pastores dabo vobis,* n. 41: *AAS* 84 (1992) 728. Ara KONKREGAZZJONI GĦALL-EDUKAZZJONI KATTOLIKA, *Nedukaw flimkien fl-iskola kattolika* (8 ta' Settembru 2007), nru. 19.

għall-mistoqsijiet fundamentali tal-ħajja, barra li jittrattaw b'għerf kbir il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mil-qrib mal-għażliet tal-ħajja u mal-vokazzjoni għall-ministeru presbiterali.

Id-direzzjoni spiritwali u l-*counselling* tal-vokazzjona jeħtieġu preparazzjoni speċifika fil-formazzjoni tal-bidu u f'dik permanenti tal-presbiteri.

16. Il-promozzjoni tal-vokazzjonijiet saċerdotali taf il-qawwa tagħha fil-formazzjoni għall-ħajja nisranija, mibnija fuq is-smiegħ tal-Kelma t'Alla, fuq it-tisħib fl-Ewkaristija u fuq l-imħabba.

It-tħabbira tal-Kelma tasal permezz tal-predikazzjoni li tħeġġeġ u turi l-modi u kif il-fidili wieħed wieħed u l-komunitajiet insara jgħixu l-Vanġelu. "Hemm bżonn tagħlim ċar fuq il-misteru tal-vokazzjoni fil-Knisja, fuq is-siwi tas-saċerdozju ministerjali u fuq il-ħtieġa urġenti tiegħu għall-Poplu t'Alla".[50]

Il-katekeżi wkoll hija mod ordinarju għall-promozzjoni tal-vokazzjonijiet, meta tgħin it-tfal u ż-żgħażagħ iqisu l-ħajja bħala tweġiba għas-sejħa t'Alla u twassalhom biex jilqgħu bil-fidi d-don tal-vokazzjoni tagħhom.

Il-katekeżi li tħejji għas-Sagrament tal-Griżma hija okkażjoni biex dawk li se jirċevuha jagħrfu d-doni tal-Ispirtu, il-kariżmi, il-ministerji u sejħiet differenti li huma marbutin magħhom.

F'kull mod ta' katekeżi ma tridx titħalla barra l-preżentazzjoni tal-vokazzjoni saċerdotali. "Il-katekeżi kollha li tingħata lill-membri tal-Knisja, mhux biss tneħħi d-dubji u teħodha kontra idejat mxaqilba jew mgħawġin dwar il-ministeru saċerdotali, imma tiftaħ il-qlub ta'

[50] *Pastores dabo vobis,* n. 39: *AAS* 84 (1992) 723.

dawk li jemmnu biex jistennew id-don u toħloq l-aħjar ambjent biex jikbru vokazzjonijiet ġodda".[51]

L-Ewkaristija, li hi ċ-ċentru tal-ħajja tan-nisrani u tal-komunità, tgħin biex tibda mixja fil-ħajja tal-liturġija tas-sagramenti, u li tkun tista' tmantni normalment it-triq ta' kull vokazzjoni.

Anki s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, meta wieħed jibqa' jersaq iqerr minn żmien għal żmien jirriżulta li jkun importanti biex isir dixxerniment tal-vokazzjoni saċerdotali.

Is-Sena Liturġika li hija skola permanenti tal-fidi għall-komunità nisranija, tqis iż-żminijiet u l-mumenti tal-ħajja ta' kuljum u twassal għal maturazzjoni tal-vokazzjoni tal-insara.

L-inizzjattivi differenti ta' talb, li l-isbaħ waħda fosthom hi l-adorazzjoni ewkaristika, meta jkunu mħejjija u magħmula b'mod tajjeb u b'sens liturġiku profond, iwasslu biex juru l-importanza straordinarja tal-vokazzjoni saċerdotali.

Ix-xhieda ta' imħabba turi ruħha b'modi differenti u li jgħaġġbuk fil-ħajja tal-Knisja. Hi ħaġa fundamentali li dan l-impenn ta' inizzjattivi jissaħħah b'mixja ta' formazzjoni mfassla tajjeb li twassal biex wieħed ikollu qalb kbira u jkun lest jaqdi s-Saltna t'Alla u biex il-persuna u l-komunità jkunu kkonfigurati ma' Kristu.

Iż-żgħażagħ qed ikunu dejjem aktar sensibbli għall-ħajja ta' dawk li huma l-aktar dgħajfa u foqra; ħafna qed juru li huma lesti jaqdu u jsiru ħaġa waħda mal-proxxmu fil-ferħ u fit-tbatijiet tal-ħajja.

Xi wħud jagħżlu li jaħdmu fil-volontarjat tal-karità bħala forma ta' servizz lejn min qed ibati, lejn l-anzjani u lejn il-foqra. Oħrajn jimpenjaw ruħhom fl-edukazzjoni tat-tfal fil-katekiżmu, fl-għaqdiet

[51] *Ibid.*

kattoliċi u fl-attivitajiet tal-ħin liberu. Magħhom jiżdiedu dawk li jagħtu xhieda prezzjuża fil-volontarjat missjunarju li għandu qawwa kbira li jibdel l-ħajja ta' persuna li jġagħlha tagħraf il-bżonnijiet urġenti u serji, kemm materjali kif ukoll dawk spiritwali, li hemm l-aktar fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

Il-vokazzjonijiet li qed jikbru fi ħdan ix-xhieda nisranija ta' karità, jkunu b'saħħithom u veri għax huma mmotivati b'mod serju biex qadu.

17. Jeħtieġ li fil-komunitajiet ekkleżjali jikber it-talb lill-Mulej għall-vokazzjonijiet. Infatti, "it-talb tal-insara, mibni fuq il-kelma t'Alla hu l-aqwa mod li bih kulħadd jista' jsib lilu nnifsu u x'inhu l-pjan għal ħajtu li l-Missier għamel għalih u għalih biss. Għalhekk jeħtieġ li jiġu edukati b'mod speċjali t-tfal u ż-żgħażagħ biex jibqgħu jitolbu u jimmeditaw fuq il-Kelma t'Alla: fis-skiet u fis-smiegħ huma jistgħu jagħrfu s-sejħa tal-Mulej għas-saċerdozju u jkunu jistgħu jimxu warajha fil-pront u bil-qalb".[52]

Hemm bżonn jkunu msaħħin u wkoll jiżdiedu dawk inizzjattivi li juru li ġejjin minn komunità li hija maqgħuda fit-talb għall-vokazzjonijiet.

Iċ-Ċentru Djoċesan għall-Vokazzjonijiet jista' jissuġġerixxi u jorganizza l-inizzjattiva li tissejjaħ "il-monasterju inviżibbli", li titlob minn ħafna persuni biex jitolbu bla waqfien bi nhar u bil-lejl għall-vokazzjonijiet saċerdotali.

Il-"Ħamis tal-vokazzjonijiet" hi ġurnata tradizzjonali għat-talb li l-komunità tagħmel kull xahar għas-saċerdoti u

[52] *Pastores dabo vobis,* n. 38: *AAS* 84 (1992) 721.

għall-vokazzjonijiet saċerdotali. Dan it-talb isir l-aktar bl-adorazzjoni ewkaristika.

Il-"Ġurnata Dinjija ta' Talb għall-Vokazzjonijiet" u l-"Ġurnata tas-Seminarju" huma żewġ mumenti importanti ħafna għat-talb, għall-katekeżi u għax-xandir tal-vokazzjonijiet fil-komunitajiet insara.

18. Is-servizz tal-abbatini huwa ħafna drabi daħla għal forom oħra ta' qadi fil-komunità nisranija. Jekk din l-esperjenza tiġi integrata mal-formazzjoni għat-talb tal-liturġija, mas-smiegħ tal-Kelma u mal-ħajja tas-sagramenti, tista' tkun triq tassew miftuħa għall-vokazzjoni saċerdotali.

Għal dan il-għan il-pastorali vokazzjonijiet għall-ministeru saċerdotali trid tieħu ħsieb l-abbatini. Ħafna saċerdoti u seminaristi, qabel ma daħlu s-Seminarju, kienu fil-gruppi tal-abbatini u taw is-servizz tagħhom fuq l-artal.

L-irtiri u l-eżerċizzji tal-vokazzjonijiet, li jsiru għaż-żgħażagħ, huma importanti ħafna biex dawn ikollhom l-okkazjoni jagħmlu esperjenza ta' silenzju, ta' talb fit-tul u biex iqabblu ħajjithom mal-Kelma t'Alla. Iż-żgħażagh jistgħu b'hekk ikollhom il-ħin speċjali biex jaħsbu fuq il-pjan għall-ħajja tagħhom, u jsibu s-sejħa tal-vokazzjoni tagħhom.

Anki l-"komunitajiet residenzjali tal-vokazzjonijiet" jgħinu ż-żgħażagħ fid-direzzjoni u d-dixxerniment tal-vokazzjonali bil-ħsieb li jidħlu s-seminarju. Dawn bħal jiffurmaw xorta ta' "pre-seminarju", billi jkun hemm dejjem saċerdoti ppreparati li jieħdu ħsiebhom u jkunu lesti jipproponu "regola tal-ħajja" mimlija b'mumenti ta' ħajja ta' aħwa, studju, jaqsmu flimkien l-esperjenzi tal-Kelma, talb

persunali u komunitarju, ċelebrazzjoni tal-ewkaristija u direzzjoni spiritwali.

19. Is-Seminarju taż-żgħar jagħti lit-tfal u ż-żgħażagħ iċ-ċans li jkunu akkumpanjati, edukati u ffurmati biex jagħmlu dixxerniment tax-xewqa tagħhom li jsiru saċerdoti. Barra dan: "min-natura u l-missjoni tiegħu, jkun tajjeb kieku s-seminarju taż-żgħar jkun jista' jsir għad-djoċesi ċ-ċentru tal-pastorali tal-vokazzjonijiet, fejn ikunu jistgħu jsiru esperjenzi tajba għall-formazzjoni tat-tfal li qed ifittxu li jagħtu sens għal ħajjithom u tal-vokazzjoni jew ta' dawk li diġà ddeċiedew li jaqbdu t-triq tas-saċerdozju ministerjali, imma li għadhom ma jistgħux jibdew il-mixja tal-formazzjoni tagħhom".[53]

[53] KONGREGAZZJONI TAL-ISQFIJIET, Direttorju għall-ministeru pastorali tal-Isqfijiet *Apostolorum successores* (22 ta' Frar 2004), nru. 86.

# GĦELUQ

20. Il-ħidma tal-vokazzjonijiet għas-saċerdozju hija sfida ta' dejjem għall-Knisja.

Fl-okkażjoni tas-sebgħin sena mit-twaqqif tagħha, u biex tinkuraġġixxi lill-komunitajiet nsara kollha u 'l min hu impenjat b'mod speċjali fil-pastorali tal-vokazzjonijiet, l-*Opra Pontifiċja għall-Vokazzjonijiet Saċerdotali* qiegħda tagħti dan id-dokument lill-Knejjes lokali bħala ġabra fil-qosor tal-promozzjoni tal-vokazzjonijiet għas-saċerdozju ministerjali.

L-aħjar ambjent għall-vokazzjonijiet saċerdoti hu kull komunità nisranija li tisma' l-Kelma t'Alla, li titlob mal-liturġija u li tagħti xhieda bl-imħabba. F'dan l-ambjent, il-missjoni tas-saċerdot tidher u tingħaraf aktar biċ-ċar.

Id-dokument irid jagħti l-għajnuna tiegħu lill-komunitajiet ekkleżjali, l-għaqdiet u l-movimenti fil-ħidma tagħhom għall-vokazzjonijiet, billi turihom dik il-pastorali tal-vokazzjonijiet li kapaċi timmatura kull għażla li ssir biex wieħed jagħti lilu nnifsu fil-ħajja u tgħin b'mod speċjali biex wieħed jilqa' s-sejħa t'Alla għall-ministeru saċerdotali.

*Il-Qdusija Tiegħu ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan id-dokument u jawtorizza l-pubblikazzjoni.*

Ruma, 25 ta' Marzu 2012, Solennità tal-Annunċjazzjoni tal-Mulej.

*ZENON Cardinale GROCHOLEWSKI, Prefett*

*+JEAN-LOUIS BRUGUES, Segretarju*

**WERREJ**

DAĦLA,................................................................... pġ 3

I. Il-pastorali tal-vokazzjoni
għall-ministeru saċerdotali fid-dinja,....................... pġ. 4

II. Vokazzjoni u identità tas-saċerdozju ministerjali,................ pġ. 9

III. Proposti għall-pastorali tal-vokazzjoni saċerdotali,............ pġ. 18

GĦELUQ, .........................................................................pġ. 30




*Miġjub għall-Malti minn Tony Aquilina.*

*Ħajr lil Monsinjur Frans Bonnici.*